Minuti tal-Laqgħa Nru. 47 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Ġimgħa, 25 ta' Frar 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri |
| Skużati | Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ġieħ Ħal Luqa
5. Mozzjonijiet
6. Financial Statements
7. Kumitat Amministrattiv
8. Devoluzzjoni t' Art ġewwa Ħal Farruġ
9. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
10. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti preċedenti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa il-għala kien hemm sejħa għal offerti biex jinkera garaxx ġdid. Is-Sindku wieġeb li din saret biex tkun osservata l-proċedura.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa kien ġab kwotazzjonijiet rigward it-tilar għal vann mingħand Alfred Baldacchino. Huwa semma wkoll li kien ġab kwotazzjonijiet rigward il-ħadid biex tkun inforata il-kaxxa tal-vann. Is-Sindku wieġeb li min naħa tagħna aħna diġa għamilna injama fil-kaxxa biex din tkun protetta min daqqiet li jistgħu jsiru. Is-Sindku qal li din hija idea tajba għal vann u stieden lil Kunsillier biex iġġib aktar kwotazzjonijiet.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm ħafna ħofor fi Triq il-Belt Valletta biex jiġi msejjaħ il-kuntrattur li jieħu ħsieb il-patching biex dawn jagħmilhom. Is-Sindku saqsa liem parti ta Valletta Road dawn qegħdin, peress li parti kbira ta' Valletta Road hija responsabilta tal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier Caruana qal li dawn qegħdin fi Triq il-Ġdida fi Triq il-Belt Valletta. Is-Segretarju wieġeb li din il-parti tinsab eżatt fit-tarf ta fejn jispiċċa l-Marsa Industrial Estate.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm ukoll bżonn issir patching f' Gudja Road peress li hemm ħafna ħofor f' din it-triq. Is-Sindku semma li kien hemm kuntatt bosta drabi mal-Kunsill tal-Gudja biex issir il-patching imma dan qatt ma ħa dawn l-ilemnti bis-serjeta.

3.5 Is-Sindku appella ukoll lil Kunsillier Caruana biex ikellem lil Ministru rigward it-toroq li kienu mwegħdin u li s' issa għadhom ma sarux biex dawn issiru.

3.6 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li issir mera fi Triq il-Wilġa.

3.7 Issemma wkoll li hemm bżonn li ssir tabella ta No Stopping.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma li l-Kunsill għandu jfittex lil kuntrattur li għamel Triq Pawlu Magri peress li x-xogħol li kien sar ma kienx ta kwalita tajba bħal konkos li ħafna minnu qed jinqala l-wiċċ. Is-Sindku semma li dan il-kuntrattur m għadux jaħdem mal-Kunsill. Għaldaqstant huwa qal lis-Segretarju biex jara x' jgħid it-tender u jekk hemm ċans li dan ikun imfittex jiġi mfittex.

3.9 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk l-aġenda tal-laqgħa hux qed tintbagħat lil għaqdiet tal-lokalita. IS-Segretarju wieġeb li ma kienx qed jagħmel din il-ħaġa.

3.10 Is-Sindku appella lil Kunsillier Caruana biex ikellem lil Prim Ministru fuq it-toroq li kienu mwiegħda lil Kunsill Lokali biex dawn issiru. Is-Sindku semma li inkitbu diversi ittri lil Transport Malta.

3.11 Is-Segretarju semma li kienet saret laqgħa mill-Malta Standards Authority fejn ġew introdotti standards ġodda.

**Kien hemm mozzjoni biex ir-raba u l-ħames item fl-Aġenda ikunu mgħaqddin flimkien.**

## 4.0/5.0 ĠIEĦ ĦAL-LUQA U MOZZJONIJIET

4.1 Il-Kunsillier Caruana ressaq mozzjoni li kienet sekondata mill-Kunsillier Psaila biex Ġieħ Ħal Luqa din is-sena jingħata lil Mary Magri. Huwa qal li din anki ħadet Ġieħ ir-Reppublika. Il-Kunsillier Caruana qal ukoll li kien jixraq li din il-persuna tirċievi ittra ta ringrazzjament min naħa tal-Kunsill għas servizz tagħha.

4.2 Is-Sindku qal li huwa jaqbel mal-prinċipju pero għandu jingħata ċans lil Kunsilliera l-oħra biex jekk għandhom xi persuna li jixirqilha tingħata dan l-unur tkun tista tiġi mressqa. Il-Viċi Sindku semma li huwa qed jaħseb f' persuna li tista tkun eliġibli għal dan l-unur u semma lis-Sinjura Agnes Azzopardi. Is-Sindku semma li dan is-suġġett se jerġa jiġi diskuss darb' oħra biex jingħata ċans lil Kunsilliera l-oħra.

## 6.0 FINANCIAL STATEMENTS

6.1 Is-Segretarju ippreżenta kopja tal-Financial Statements lil Kunsilliera preżenti waqt il-laqgħa. Huwa qal li bħala Kunsill kellu working capital tajjeb fl-aħħar tas-sena li juri li hemm stabbilita fl aħħar tas-sena biex il-Kunsill ikun jista' jaħdem. Dan jammonta għal surplus ta Euro 117,769. Huwa spjega wkoll li numru tal-ispejjeż hemm noti fuq in-naħa ta wara tal-istatements li jispjegaw kif inhuma maqsumin l-ispejjeż.

6.2 Fi statement ieħor huwa wera fejn huma l-income tal-Kunsill għas sena 2010 u fuqxiex kineu saru l-commitments fuqhom. F noti li hemm fil-Financiual Statements hemm spjegat fiex kienu saru iż-żidiet matul is-sena jew inkella jekk kien hemm tnaqqis. B' hekk wieħed ikun jista jasal għal figura finali għal aħħar tas-sena.

6.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-Kunsill hux ippreparat biżejjed biex jifdħol fi spejjeż bħalma kienu qed issiru bħalissa fit-toroq. Is-Segretarju wieġeb li l-Kunsill mhux se jkollu problema biex ikun jista' jagħmel dawn il-proġetti. Is-Sindku qal li tista tingħata stima ta kemm se jiġu t-toroq lil Kunsillier Caruana.

## 7.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV, ĦAL FARRUĠ

7.1 Is-Segretarju semma li kien sar tindif tal-water culverts ġewwa Ħal Farruġ.

## 8.0 DEVOLUZZJONI T' ART ĠEWWA ĦAL FARRUĠ

8.1 Is-Sindku semma li kienet wasal il-ftehim tad-devoluzzjoni t' art pubblika ġewwa Ħal Farruġ. Huwa qal li se jkellem l-Awtoritajiet konċernati peress li kien hemm xi punti li jixtieq li jkunu aktar diskussi.

**9.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

9.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kienx hemm kwotazzjonijiet fuq it-tindif tal-water culverts. Huwa semma li sar xogħol tajjeb ħafna. Is-Sindku semma li kien hemm tlett kwotazzjonijiet u ntgħażlet l-aktar waħda vantaġġjuża. Huwa qal ukoll li kien hemm xogħol ieħor li inkixef waqt li kien qed issir ix-xogħol u kellu jsir.

**10.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet fi tmiemha l-Ġimgħa 25 ta' Frar fis-6.30 p.m. Kien hemm data għas 17 ta' Marzu għal laqgħa pubblika u 24 ta' Marzu għal laqgħa tal-Kunsill.

Konfermati llum ______________________ 2011.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv